

**Brussell, 12 ta' Settembru 2025
(OR. en)**

12638/25

**FIN 1054
INST 254
PE-L 29**

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	12246/25
Suġġett:	Trasferiment ta' approprjazzjonijiet Nru DEC 13/2025 fit-Taqsima III - Kummissjoni - tal-baġit ġenerali għall-2025 - Approvazzjoni - Approvazzjoni ta' ittra

1. Fis-26 ta' Awwissu 2025, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għat-trasferiment ta' approprjazzjonijiet Nru DEC 13/2025, f'konformità mal-Artikolu 31(1) tar-Regolament Finanzjarju¹.

L-għan ta' din il-proposta huwa t-trasferiment ta' ammont ta' EUR 825 000 f'approprjazzjonijiet ta' impenn (a/i) u EUR 325 000 f'approprjazzjonijiet ta' pagament (a/p) mill-Artikolu 30 02 02 (*Approprjazzjonijiet differenzjati*) għall-Artikolu 08 05 01 (*Stabbiliment ta' qafas ta' governanza għall-attivitajiet tas-sajd imwettqa mill-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni filmijiet ta' pajjiżi-terzi*), kif jidher fid-dokument 12246/25.

¹ Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (riformulazzjoni) (ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/mt>).

2. L-għan ta' dan it-trasferiment huwa li jkopri l-obbligi finanzjarji tal-2025 li jirriżultaw mill-Protokoll ta' Implimentazzjoni l-ġdid tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Demokratika ta' São Tomé u Príncipe (2025-2029).
3. Il-Kumitat tal-Baġit eżamina l-proposta għal trasferiment fil-laqgħa tiegħu tat-12 ta' Settembru 2025.
4. Wara dak l-eżami, il-Kumitat tal-Baġit qabel, b'maġġoranza kwalifikata, li jissuġġerixxi li l-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti jagħti parir lill-Kunsill biex japprova:
 - il-proposta għat-trasferiment ta' approprjazzjonijiet, kif tinsab fid-dokument 12246/25; u
 - l-abbozz ta' ittra fl-ANNESS ta' din in-nota.

ABBOZZ TA' ITTRA

minn: Il-President tal-Kunsill

lil: Il-President tal-Kummissjoni

kopja: Il-President tal-Parlament Ewropew

Sinjura,

F'konformità mal-Artikolu 31(6) tar-Regolament Finanzjarju tat-23 ta' Settembru 2024¹, qed
ninfurmak li l-Kunsill approva t-trasferiment ta' approprijazzjonijiet Nru DEC 13/2025 fit-
Taqsimi III - Kummissjoni - tal-baġit ġenerali għall-2025.

(Formola ta' għeluq).

¹ Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (riformulazzjoni) (ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/mt>).